PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/0229(CNS)

15.10.2008

EMENDI
15 - 95

Abbozz ta' rapport
Patrick Gaubert
(PE409.737v02-00)

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi proċedura unika ta' applikazzjoni għal permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru kif ukoll dwar ġabra komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fi Stat Membru

Proposta għal direttiva
(COM(2007)0638 – C6-0470/2007 – 2007/0229(CNS))

AM_Com_LegReport

Emenda 15
Giusto Catania, Roberto Musacchio

Proposta għal direttiva
Ċitazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari *Artikolu* 63(3)(a) tiegħu,	Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari *l-Artikolu* 63(3)(a) tiegħu, ***u waqt li jqis ukoll it-Titolu III, Kapitlu 1,***

Or. en

Emenda 16
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) F'suq tax-xogħol dejjem aktar globali, l-UE għandha ssir aktar attraenti biex tiġbed lejha ħaddiema minn pajjiżi terzi. Dan għandu jkun iffaċilitat b'simplifikazzjoni amministrattiva u billi jkun faċilitat l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti. ***Dispożizzjonijiet*** għal proċedura unika ta' applikazzjoni li twassal għall-ħruġ ta' permess magħqud ta' residenza u xogħol f'dokument amministrattiv wieħed għandhom jikkontribwixxu biex jiġu ssimplifikati u armonizzati r-regoli diverġenti applikabbli bħalissa fl-Istati Membri. Din is-simplifikazzjoni proċedurali diġà ġiet introdotta mill-maġġoranza ta' l-Istati Membri u wasslet għal proċedura aktar effiċjenti kemm għall-migranti u kemm għal min iħaddimhom, u ppermettiet kontrolli eħfef tal-legalità tar-residenza u l-impjieg tagħhom.	(3) F'suq tax-xogħol dejjem aktar globali, l-UE għandha ssir aktar attraenti biex tiġbed lejha ħaddiema minn pajjiżi terzi. Dan għandu jkun iffaċilitat b'simplifikazzjoni amministrattiva u billi jkun faċilitat l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti. ***Sakemm l-applikazzjonijiet għar-residenza u x-xogħol fit-territorju ta' Stat Membru jkunu konkomintanti, id-dispożizzjonijiet*** għal proċedura unika ta' applikazzjoni li twassal għall-ħruġ ta' permess magħqud ta' residenza u xogħol f'dokument amministrattiv wieħed għandhom jikkontribwixxu biex jiġu ssimplifikati u armonizzati r-regoli diverġenti applikabbli bħalissa fl-Istati Membri. Din is-simplifikazzjoni proċedurali diġà ġiet introdotta mill-maġġoranza ta' l-Istati Membri u wasslet għal proċedura aktar effiċjenti kemm għall-migranti u kemm għal min iħaddimhom, u

ppermettiet kontrolli eħfef tal-legalità tar-residenza u l-impjieg tagħhom.

Or. en

Emenda 17
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-kundizzjonijiet u l-kriterji li fuqhom tista' tiġi rrifjutata applikazzjoni għal permess uniku ***huma*** stabbiliti fil-liġi nazzjonali ***inkluż l-obbligu li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-preferenza Komunitarja kif inhu espress partikolarment fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Atti ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u tal-25 ta' April 2005***.	(6) Il-kundizzjonijiet u l-kriterji li fuqhom tista' tiġi rrifjutata applikazzjoni għal permess uniku ***għandhom ikunu oġġettivi, verifikabbli u*** stabbiliti fil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 18
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-kundizzjonijiet u l-kriterji li fuqhom tista' tiġi rrifjutata applikazzjoni għal permess uniku huma stabbiliti fil-liġi nazzjonali inkluż l-obbligu li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-preferenza Komunitarja kif inhu espress partikolarment fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Atti ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u tal-25 ta' April 2005.	(6) Il-kundizzjonijiet u l-kriterji li fuqhom tista' tiġi rrifjutata applikazzjoni għal permess uniku huma stabbiliti fil-liġi nazzjonali inkluż l-obbligu li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-preferenza Komunitarja kif inhu espress partikolarment fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Atti ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u tal-25 ta' April 2005. ***Dawk il-kundizzjonijiet u l-kriterji għandhom ikunu oġġettivi u miftuħa għall-pubblika, sabiex rifjut tal-***

applikazzjoni jkun jista' jiġi vverifikat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-trasparenza hi meħtieġa biex tinħoloq ċertezza ġuridika.

Emenda 19
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Il-kundizzjonijiet u l-kriterji li fuqhom tista' tiġi rrifjutata applikazzjoni għal permess uniku ***huma*** stabbiliti fil-liġi nazzjonali inkluż l-obbligu li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-preferenza Komunitarja kif inhu espress partikolarment fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Atti ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u tal-25 ta' April 2005.	(6) Il-kundizzjonijiet u l-kriterji li fuqhom tista' tiġi rrifjutata applikazzjoni għal permess uniku ***għandhom ikunu oġġettivi, verifikabbli u*** stabbiliti fil-liġi nazzjonali inkluż l-obbligu li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-preferenza Komunitarja kif inhu espress partikolarment fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Atti ta' Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u tal-25 ta' April 2005.

Or. en

Emenda 20
Rumiana Jeleva

Proposta għal direttiva
Premessa 6 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Id-determinazzjoni ta' kriterji kwantitattivi u kwalitattivi biex ikunu ammessi ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri. Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa dik il-kompetenza.

Or. en

Emenda 21
Ria Oomen-Ruijten

Proposta għal direttiva
Premessa 6 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Kriterji kwantitattvi u kwalitattivi għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-swieq tax-xogħol nazzjonali huma oqsma li l-Istati Membri għandhom is-setgħa li jirregolaw. Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa din is-setgħa.

Or. nl

Emenda 22
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Premessa 7 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-perjodu ta' validità tal-permess uniku għandu jkun stabbilit minn kull Stat Membru.

Or. fr

Emenda 23
Rumiana Jeleva

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi b'residenza legali u b'xogħol fl-Istati	(10) Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi b'residenza legali u b'xogħol fl-Istati

Membri għandhom igawdu mill-inqas l-istess ġabra komuni ta’ drittijiet fil-forma ta' trattament ugwali maċ-ċittadini ta’ l-Istat Membru ospitanti rispettiv, irrispettivament mill-għan inizjali ta' l-ammissjoni jew il-bażi għaliha. Id-dritt għat-trattament ugwali fl-oqsma speċifikati minn din id-Direttiva għandu jingħata mhux biss lil dawk iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu iżda wkoll lil dawk kollha li ġew ammessi għal skopijiet oħra u ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru skond leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità jew nazzjonali inklużi l-membri tal-familja ta' ħaddiem ta' pajjiż terz li huma ammessi fl-Istat Membru skond id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għar-reunifikazzjoni tal-familja, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ammessi fit-territorju ta’ Stat Membru skond id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta’ Diċembru 2004 dwar il-kondizzjonijiet ta’ ammissjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għal skopijiet ta’ studju, skambju ta’ l-istudenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju u r-riċerkaturi ammessi skond id-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE tat-12 ta’ Ottubru 2005 dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għal skopijiet ta’ riċerka xjentifika.	Membri għandhom igawdu mill-inqas l-istess ġabra komuni ta’ drittijiet ***tax-xogħol*** fil-forma ta' trattament ugwali maċ-ċittadini ta’ l-Istat Membru ospitanti rispettiv, irrispettivament mill-għan inizjali ta' l-ammissjoni jew il-bażi għaliha. Id-dritt għat-trattament ugwali fl-oqsma speċifikati minn din id-Direttiva għandu jingħata mhux biss lil dawk iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu iżda wkoll lil dawk kollha li ġew ammessi għal skopijiet oħra u ngħataw aċċess għas-suq tax-xogħol ta' dak l-Istat Membru skond leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità jew nazzjonali inklużi l-membri tal-familja ta' ħaddiem ta' pajjiż terz li huma ammessi fl-Istat Membru skond id-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għar-reunifikazzjoni tal-familja, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ammessi fit-territorju ta’ Stat Membru skond id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta’ Diċembru 2004 dwar il-kondizzjonijiet ta’ ammissjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għal skopijiet ta’ studju, skambju ta’ l-istudenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju u r-riċerkaturi ammessi skond id-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE tat-12 ta’ Ottubru 2005 dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għal skopijiet ta’ riċerka xjentifika.

Or. en

Emenda 24
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fit-territorju ta’ Stat Membru għal perjodu ta' mhux aktar	***imħassra***

minn 6 xhur fi kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar biex jaħdmu fuq bażi staġjonali m'għandhomx ikunu koperti mid-Direttiva minħabba l-istatus temporanju tagħhom.

Or. es

Emenda 25
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru għal perjodu ta' mhux aktar minn 6 xhur fi kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar biex jaħdmu fuq bażi staġjonali m'għandhomx ikunu koperti mid-Direttiva minħabba l-istatus temporanju tagħhom.	***imħassra***

Or. en

Emenda 26
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru ***għal perjodu ta' mhux aktar minn 6 xhur fi kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar*** biex jaħdmu fuq bażi staġjonali m'għandhomx ikunu koperti mid-Direttiva minħabba l-istatus temporanju tagħhom.	(13) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu fuq bażi staġjonali m'għandhomx ikunu koperti mid-Direttiva minħabba l-istatus temporanju tagħhom ***kif ukoll il-fatt li se jkunu mmexxija minn direttiva speċifika***.

Or. fr

Emenda 27
Jean-Marie Cavada

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru ***għal perjodu ta' mhux aktar minn 6 xhur fi kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar*** biex jaħdmu fuq bażi staġjonali m'għandhomx ikunu koperti mid-Direttiva minħabba l-istatus temporanju tagħhom.	(13) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu fuq bażi staġjonali m'għandhomx ikunu koperti mid-Direttiva minħabba l-istatus temporanju tagħhom, ***li fi żmien qasir se jkun is-suġġett ta' proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Proposta għal Direttiva mill-Kummissjoni se titratta l-ħaddiema staġjonali u għandha tiddefinixxi b'mod preċiż u ċar it-terminu attwali 'ħaddiem staġjonali'.

Emenda 28
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Premessa 13 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja għandhom ikunu suġġetti għal din id-Direttiva fejn jirrgwarda ġabra komuni ta' drittijiet, minħabba li dawn huma awtorizzati li jaħdmu b'mod legali fit-territorju ta' Stat Membri.

Or. fr

Emenda 29
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali u għandha tiġi implimentata b'dan il-mod.	(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali u għandha tiġi implimentata b'dan il-mod. ***Speċifikament, din id-Direttiva għandha tkun implimentata b'rispett xieraq għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, id-dritt għall-edukazzjoni, il-libertà professjonali u d-dritt għax-xogħol, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, id-dritt ta' kondizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti, id-dritt tas-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali, u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust li jinsabu fl-Artikoli 12, 14, 15, 21, 31, 34 u 47 tal-Karta.***

Or. en

Emenda 30
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali u għandha tiġi implimentata b'dan il-mod.	(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali u għandha tiġi implimentata b'dan il-mod. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari għar-rispett għal-libertà ta' għaqda u ta'***

assoċjazzjoni, id-dritt għall-edukazzjoni, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, id-dritt ta' kondizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti, id-dritt tas-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali, u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust.

Or. en

Emenda 31
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Premessa 18 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Din id-Direttiva għandha tkun implimentata mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli li jinsabu fil-leġiżlazzjoni u fl-istrumenti internazzjonali tal-UE. Partikolarment, din id-direttiva tirrispetta d-drittijiet u l-prinċipji mniżżla fil-Karta Soċjali Ewropea tal-1961u fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti kollha u l-Membri tal-Familji tagħhom tal-1990.

Or. en

Emenda 32
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Premessa 18 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Din id-Direttiva għandha tkun applikata mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli li jinsabu fil-leġiżlazzjoni u fl-istrumenti internazzjonali tal-Komunità.

Speċifikament, din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet u l-prinċipji li jinsabu fil-Karta Soċjali Ewropea tat-18 ta' Ottubru 1961 u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar l-istatus legali tal-ħaddiema migranti tal-24 ta' Novembru 1977.

Or. en

Emenda 33
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija f'minoranza nazzjonali, ġid, twelid, diżabilitajiet, età jew orjentazzjoni sesswali partikolarment skond id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol.	(19) L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija f'minoranza nazzjonali, ġid, twelid, diżabilitajiet, età jew orjentazzjoni sesswali partikolarment skond id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol***, u bi qbil mal-leġiżlazzjoni futura f'dan il-qasam, bħad-Direttiva tal-Kunsill li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Leġiżlazzjoni futura għandha wkoll tinżamm preżenti.

Emenda 34
Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, ***lingwa***, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija f'minoranza nazzjonali, ġid, twelid, diżabilitajiet, ***età*** jew orjentazzjoni sesswali partikolarment skond id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta’ Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta’ Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol.	(19) L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija f'minoranza nazzjonali, ġid, twelid, diżabilitajiet jew orjentazzjoni sesswali partikolarment skond id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta’ Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta’ Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji ta' età u lingwa huma fatturi sinifikanti fil-kuntest tal-ġestjoni tal-migrazzjoni bil-għan li s-suq tax-xogħol juża sistema ta' punti.

Emenda 35
Rumiana Jeleva

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) proċedura unika ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jgħixu ***u jaħdmu*** fit-territorju ta' Stat Membru, sabiex ***tkun simplifikata l-ammissjoni*** tagħhom u jiġi ffaċilitat il-kontroll ta' l-istatus tagħhom u;	(a) proċedura unika ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jgħixu ***bl-iskop ta' impjieg*** fit-territorju ta' Stat Membru, sabiex ***ikunu simplifikati l-proċeduri tal-ammissjoni*** tagħhom u jiġi ffaċilitat il-kontroll ta' l-istatus tagħhom u;

Or. en

Emenda 36
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) proċedura unika ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru, sabiex tkun simplifikata ***l-ammissjoni*** tagħhom u jiġi ffaċilitat il-kontroll ta' l-istatus tagħhom u;	*a)* proċedura unika ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex ikunu jistgħu jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru, sabiex tkun simplifikata ***l-proċedura tal-ammissjoni*** tagħhom u jiġi ffaċilitat il-kontroll ta' l-istatus tagħhom u;

Or. fr

Emenda 37
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ġabra komuni ta' drittijiet għal	*b)* ġabra komuni ta' drittijiet għal

ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fi Stat Membru.	ħaddiema ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fi Stat Membru***,*** ***irrispettivament mill-għanijiet li għalihom kienu ammessi inizjalment fit-territorju ta' Stat Membru.***
	Or. fr

Emenda 38
Thomas Mann

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Din id-direttiva ma tillimitax is-setgħat tal-Istati Membri rigward l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għas-swieq tax-xogħol tagħhom. Ma hemm l-ebda dritt li jiggarantixxi l-ammissjoni.
	Or. de

Emenda 39
Rumiana Jeleva

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Din id-direttiva ma tbiddilx il-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għas-swieq tax-xogħol tagħhom.
	Or. en

Emenda 40
Ria Oomen-Ruijten

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "ħaddiem ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe ċittadin minn pajjiż terz li jkun ġie ammess fit-territorju ta' Stat Membru ***u jkun jista' jaħdem legalment f'dak l-Istat Membru***;	(b) "ħaddiem ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe ċittadin minn pajjiż terz li jkun ġie ammess fit-territorju ta' Stat Membru ***għal skopijiet ta' xogħol u li, f'dik il-kapaċità, jagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tal-welfare soċjali assoċjati ma' kuntratt tax-xogħol fl-Istat Membru kkonċernat***;

Or. nl

Emenda 41
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "ħaddiem ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe ċittadin minn pajjiż terz li jkun ġie ammess fit-territorju ta' Stat Membru u jkun jista' jaħdem legalment f'dak l-Istat Membru;	*b)* "ħaddiem ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe ċittadin minn pajjiż terz li jkun ġie ammess fit-territorju ta' Stat Membru u jkun jista' ***jgħix u*** jaħdem legalment f'dak l-Istat Membru***, minbarra ħaddiema li jaħdmu għal rashom***;

Or. fr

Emenda 42
Rumiana Jeleva

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "ħaddiem ta' pajjiż terz" tfisser	(b) "ħaddiem ta' pajjiż terz" tfisser

kwalunkwe ċittadin minn pajjiż terz li jkun ġie ammess fit-territorju ta' Stat Membru ***u jkun jista' jaħdem legalment f'dak l-Istat Membru***;	kwalunkwe ċittadin minn pajjiż terz li jkun ġie ammess ***għal skop ta' xogħol*** fit-territorju ta' Stat Membru;

Or. en

Emenda 43
Ria Oomen-Ruijten

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu (c) a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) "Stat Membru kkonċernat": l-Istat Membru fejn ċittadin ta' pajjiż terz qed jgħix u jaħdem u jgawdi mid-dispożizzjonijiet tal-welfare soċjali fuq il-bażi ta' permess magħqud,

Or. nl

Emenda 44
Esther De Lange, Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu (d) a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) "xogħol tal-fruntiera" tfisser li jagħmel xogħol fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru ta' residenza meta x-xogħol qed isir minn ħaddiem tal-fruntiera kif imsemmi fl-Artikolu 1(b) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71.

Or. nl

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiddefinixxi t-terminu 'xogħol tal-fruntiera'.

Emenda 45
Jean-Marie Cavada

Proposta għal direttiva
Artikoku 3 – paragrafu 1 – punt (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jridu jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru, u	(a) għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jridu jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru ***bħala impjegati jew ħaddiema li jaħdmu għal rashom***, u

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-proposta għal direttiva tal-Kummissjoni ma tindikax b'mod ċar jekk tapplikax biss għal impjegati jew jekk tapplikax ukoll għal dawk li jaħdmu għal rashom.

Emenda 46
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikoku 3 – paragrafu 1 – punt (b)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għall-ħaddiema ta' pajjiżi terzi b'residenza legali fi Stat Membru.	(b) għall-ħaddiema ta' pajjiżi terzi b'residenza legali fi Stat Membru***, irrispettivament mill-għanijiet li għalihom kienu ammessi inizjalment fit-territorju ta' Stat Membru.***

Or. fr

Emenda 47
Jean-Marie Cavada

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 – klawsola introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Din id-Direttiva*** ma ***tapplikax*** għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li:	2. ***Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-proċedura unika biex jinħareġ permess uniku li jawtorizza ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru*** ma ***japplikawx*** għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li:

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda sservi biex tiċċara l-ambigwitajiet fil-proposta tal-Kummissjoni. Waqt li proċedura ta' permess uniku tapplika biss għal ċerti ħaddiema ta' pajjiżi terzi, il-ġabra komuni ta' drittijiet tapplika wkoll għall-ħaddiema kollha ta' pajjiżi terzi (kjarifika fir-rigward tal-Artikolu 12). B'mod ieħor, tista' seħħ diskriminizzazzjoni bejn ħaddiema ta' pajjiżi terzi minħabba kwistjoni fundamentali tad-dritt ta' trattament ugwali.

Emenda 48
Rumiana Jeleva

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) li huma dawk li jaħdmu għal rashom;

Or. en

Emenda 49
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 (d)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar biex jaħdmu fuq bażi staġjonali;	***imħassar***

Or. es

Emenda 50
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar biex jaħdmu fuq bażi staġjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 51
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar biex jaħdmu fuq bażi staġjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 52
Karin Jöns

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 (d)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar biex jaħdmu fuq bażi staġjonali;	***imħassar***

Or. de

Ġustifikazzjoni

(Ara l-emenda għall-Artikolu 12(2)(e)(ġdida))

Mhux ġustifikat li teskludi ħaddiema staġjonali mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, grupp li hu partikolarment f'riskju li jkun sfruttat. Ħaddiema staġjonali jagħmlu xogħol bi ħlas. Għalhekk huma għandu jkollhom dritt għal trattament ugwali, partikolarment fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol (il-liġi tax-xogħol, protezzjoni mit-tkeċċija u protezzjoni tas-saħħa) u libertà ta' assoċjazzjoni u ta' sħubija fi trejdunjon (ara l-emenda għall-Artikolu 12(2)).

Emenda 53
Rumiana Jeleva

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***ġew ammessi*** fit-territorju ta' Stat Membru ***għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar biex jaħdmu fuq bażi*** staġjonali;	(d) ***li joqogħdu*** fit-territorju ta' Stat Membru ***temporanjament, bħala au pairs jew ħaddiema*** staġjonali;

Or. en

Emenda 54
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 - paragrafu 2 - punt d) a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) li ġew ammessi fit-territorju ta' Stat Membru biex jaħdmu hemm għal mhux aktar minn sitt xhur, esklussivament fir-rigward tal-qasam tal-proċedura unika;

Or. fr

Emenda 55
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikoku 3 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) applikaw għal rikonoxximent bħala refuġjati u għadha ma ttieħdetx deċiżjoni definittiva dwar l-applikazzjoni tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 56
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikoku 3 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) applikaw għal rikonoxximent bħala refuġjati u għadha ma ttieħdetx deċiżjoni definittiva dwar l-applikazzjoni tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 57
Karin Jöns

Proposta għal direttiva
Artikoku 3 – paragrafu 2 – punt e)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) applikaw għal rikonoxximent bħala refuġjati u għadha ma ttieħdetx deċiżjoni definittiva dwar l-applikazzjoni tagħhom;	***imħassar***

Or. de

Ġustifikazzjoni

(Ara l-emenda għall-Artikolu 3(2a) (ġdida), fejn il-punt (e) tat-test tal-Kummissjoni reġa' ddaħħal fit-test emendat mill-Parlament).

Għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk u fuq liema kundizzjonijiet jixtiequ li jeskludu applikanti mid-direttiva. Esklużjoni ġenerali mhix ġustifikata, partikolarment għaliex il-proċeduri jistgħu, f'xi każi, jieħdu s-snin.

Emenda 58
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 - paragrafu 2 - punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jgħixu fi Stat Membru bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew taħt skemi ta' protezzjoni temporanja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 59
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 - paragrafu 2 - punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jgħixu fi Stat Membru bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew taħt skemi ta' protezzjoni temporanja;	***imħassar***

Or. en

Emenda 60
Karin Jöns

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 - paragrafu 2 - punt (f)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jgħixu fi Stat Membru bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew taħt skemi ta' protezzjoni temporanja;	***imħassar***

Or. de

Ġustifikazzjoni

(Ara l-emenda għall-Artikolu 3(2a) (ġdida), fejn il-punt (f) tat-test tal-Kummissjoni reġa' ddaħħal fit-test emendat mill-Parlament).

Għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk u fuq liema kundizzjonijiet jixtiequ li jeskludu applikanti mid-direttiva. Esklużjoni ġenerali mhix ġustifikata, partikolarment għaliex il-proċeduri jistgħu, f'xi każi, jieħdu s-snin.

Emenda 61
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikoku 3 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) t-tkeċċija tagħhom ġiet sospiża għal raġunijiet ta' fatt jew ta' dritt.	***imħassar***

Or. en

Emenda 62
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikoku 3 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) t-tkeċċija tagħhom ġiet sospiża għal raġunijiet ta' fatt jew ta' dritt.	***imħassar***

Or. en

Emenda 63
Karin Jöns

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt (h)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) t-tkeċċija tagħhom ġiet sospiża għal raġunijiet ta' fatt jew ta' dritt.	***imħassar***

Or. de

Emenda 64
Karin Jöns

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Hu f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk din id-Direttiva tapplikax għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li:
	(a) applikaw għal rikonoxximent bħala refuġjati u għadha ma ttieħdetx deċiżjoni definittiva dwar l-applikazzjoni tagħhom;
	(b) jgħixu fi Stat Membru bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew taħt skemi ta' protezzjoni temporanja.

Or. de

Ġustifikazzjoni

(Ara l-emenda għall-Artikolu 3(2)(e)) Il-punt (e) tat-test tal-Kummissjoni ġie mħassar u reġa' ddaħħal fit-test emendat mill-Parlament bħala l-Artikolu 3(2a) (ġdid).

(Ara l-emenda għall-Artikolu 3(2)(f)) Il-punt (f) tat-test tal-Kummissjoni ġie mħassar u reġa' ddaħħal fit-test emendat mill-Parlament bħala l-Artikolu 3(2a) (ġdid).

Emenda 65
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-applikazzjoni*** għar-residenza u x-xogħol fit-territorju ta' Stat Membru ***għandha tiġi*** ppreżentati fi proċedura unika ta' applikazzjoni.	1. ***Sakemm l-applikazzjonijiet*** għar-residenza u x-xogħol fit-territorju ta' Stat Membru ***jkunu konkomitanti, huma għandhom jiġu*** ppreżentati fi proċedura unika ta' applikazzjoni.

Or. en

Emenda 66
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi għandhom id-dritt li jressqu applikazzjoni biex jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru. Dawk li jħaddmu jew li huma intermedjarji rikonoxxuti għandhom ikunu jistgħu iressqu applikazzjoni f'isem ċittadin ta' pajjiż terz.

Or. en

Emenda 67
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Hija r-responsabilità tal-Istati Membri li jiddeterminaw jekk l-applikazzjoni unika għall-permess għandhiex issir miċ-ċittadin ta' pajjiż terz involut, mill-persuna li se tħaddmu fil-ġejjieni, jew minn kwalunkwe minn dawn iż-żewġ partijiet.

Or. fr

Emenda 68
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw l-applikazzjoni u jadottaw deċiżjoni biex jingħata, jiġi modifikat jew jiġġedded il-permess uniku jekk l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fil-liġi nazzjonali. ***Id-deċiżjoni*** li jingħata, jiġi modifikat jew jiġġedded il-permess uniku għandha tikkostitwixxi titlu magħqud wieħed li jinkludi kemm il-permess ta' residenza u kemm tax-xogħol f'dokument amministrattiv wieħed.	2. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw l-applikazzjoni u jadottaw deċiżjoni biex jingħata, jiġi modifikat jew jiġġedded il-permess uniku jekk l-applikant jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fil-liġi nazzjonali. ***Sakemm l-applikazzjonijiet għar-residenza u x-xogħol fit-territorju ta' Stat Membru jkunu konkomitanti, id-deċiżjoni*** li jingħata, jiġi modifikat jew jiġġedded il-permess uniku għandha tikkostitwixxi titlu magħqud wieħed li jinkludi kemm il-permess ta' residenza u kemm tax-xogħol f'dokument amministrattiv wieħed.

Or. en

Emenda 69
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	F'każ li l-permess tal-applikant jiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tal-applikazzjoni tiegħu, l-Istat Membru inkarigat biex jeżamina l-applikazzjoni għandu jawtorizza lill-persuna kkonċernata, u fejn applikabbli il-familja tiegħu, biex tgħix legalment fit-territorju tiegħu sakemm tkun ittieħdet deċiżjoni rigward l-applikazzjoni tiegħu tat-tiġdid tal-permess uniku.

Or. fr

Emenda 70
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 –subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mal-komplessità ta' l-eżami ta' l-applikazzjoni, it-terminu msemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jkun estiż.	F'ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mal-komplessità ta' l-eżami ta' l-applikazzjoni, it-terminu msemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jkun estiż ***sa sitt xhur***.

Or. en

Emenda 71
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fejn ċittadin ta' pajjiż terz diġà joqgħod fi Stat Membru, l-Istati Membri għandhom jippermettu li dan jibqa' jgħix fit-territorju tagħhom sakemm jingħata jew ikun miċħud il-permess u r-rimedji kollha jkunu eżawriti.

Or. en

Emenda 72
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk l-informazzjoni li tappoġġja l-applikazzjoni ***ma tkunx biżżejjed***, l-awtorità magħżula għandha tinnotifika lill-applikant dwar l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. Il-perjodu msemmi	4. Jekk l-informazzjoni li tappoġġja l-applikazzjoni ***tkun inkompleta skont il-kriterji pubbliċi speċifikati***, l-awtorità magħżula għandha tinnotifika lill-applikant dwar l-informazzjoni addizzjonali

fil-paragrafu 2 għandu jiġi sospiż sakemm l-awtoritajiet jirċievu l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

meħtieġa. Il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi sospiż sakemm l-awtoritajiet jirċievu l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

Or. en

Emenda 73
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-awtoritajiet kompetenti maħtura mid-diversi Stati Membri għandhom jiskambjaw id-data dwar deċiżjonijiet biex jingħata jew jiġġedded il-permess uniku sabiex ikun evitat li l-permess uniku jinħareġ minn aktar minn Stat Membru wieħed għall-applikazzjonijiet mill-istess persuna.

Or. fr

Emenda 74
Esther De Lange, Emine Bozkurt

Proposta għal direttiva
Artikolu 6, subparagrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Stat Membru jista' joħroġ lil detentur ta' permess magħqud li jkun inħareġ minn Stat Membru ieħor, permess li jippermettilu li jagħmel xogħol tal-fruntiera. Dan il-permess għandu jkun maħruġ skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru. Il-perjodu ta' validità ta' dan il-permess ma jistax ikun itwal mill-perjodu ta' validità ta' permess magħqud maħruġ minn Stat Membru ieħor.

Or. nl

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tagħmilha possibbli għal detenturi ta' permess magħqud li jaħdmu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkollhom ibiddlu r-residenza biex jagħmlu dan.

Emenda 75
Marian-Jean Marinescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-awtoritajiet kompetenti maħtura jistgħu jirtiraw il-permess uniku jekk ċittadin ta' pajjiż terz jagħmel attività li mhix awtorizzata minn dak il-permess uniku.

Or. fr

Emenda 76
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Deċiżjoni ta’ rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku fuq il-bażi tal-kriterji speċifikati fil-liġi Komunitarja jew nazzjonali, għandha tkun motivata fin-notifika miktuba.	1. Deċiżjoni ta’ rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku fuq il-bażi tal-kriterji speċifikati fil-liġi Komunitarja jew nazzjonali, għandha tkun motivata fin-notifika miktuba. ***Dawk il-kriterji għandhom ikunu oġġettivi u miftuħa għall-pubblika, sabiex id-deċiżjoni tkun tista' tiġi vverifikata.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-trasparenza hi meħtieġa biex tinħoloq ċertezza ġuridika.

Emenda 77
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku fuq il-bażi tal-kriterji speċifikati fil-liġi Komunitarja jew nazzjonali, għandha tkun motivata fin-notifika miktuba.	1. Deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku fuq il-bażi tal-kriterji speċifikati fil-liġi Komunitarja jew nazzjonali, għandha tkun motivata fin-notifika miktuba; ***dawn ir-raġunijiet għandhom ikunu oġġettivi u verifikabbli***.

Or. it

Emenda 78
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata quddiem il-qrati ta' l-Istat Membru kkonċernat. In-notifika miktuba għandha tispeċifika ***l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli*** u t-terminu biex ***tittieħed dik l-azzjoni***.	2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata quddiem il-qrati ta' l-Istat Membru kkonċernat. In-notifika miktuba għandha tispeċifika ***l-awtorità tal-qorti jew amministrattiva li biha l-persuna involuta tista' tressaq appell*** u t-terminu ***ta' żmien*** biex ***isir dak l-appell***.

Or. en

Emenda 79
Jeanine Hennis-Plasschaert

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata quddiem ***il-qrati*** ta' l-Istat Membru kkonċernat. In-notifika miktuba għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u t-terminu biex tittieħed dik l-azzjoni.	2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata quddiem ***l-awtorità kompetenti*** ta' l-Istat Membru kkonċernat ***maħtura bi qbil mal-liġi nazzjonali***. In-notifika miktuba għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u t-terminu biex tittieħed dik l-azzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux is-sistemi ġudizzjali kollha huma l-istess fl-Istati Membri kollha.

Emenda 80
Ria Oomen-Ruijten

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ***ma jiġix modifikat*** jew imġedded, ***jiġi sospiż*** jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata quddiem il-qrati ta' l-Istat Membru kkonċernat. In-notifika miktuba għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u t-terminu biex tittieħed dik l-azzjoni.	2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, jew ***ma jiġix*** imġedded, jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata quddiem il-qrati ta' l-Istat Membru kkonċernat. In-notifika miktuba għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u t-terminu biex tittieħed dik l-azzjoni ***fuq il-bażi tar-regoli applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat***.

Or. nl

Emenda 81
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata ***quddiem il-qrati*** ta' l-Istat Membru kkonċernat. In-notifika miktuba għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u t-terminu biex tittieħed dik l-azzjoni.	2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata ***quddiem l-awtoritajiet kompetenti*** ta' l-Istat Membru kkonċernat. In-notifika miktuba għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u t-terminu biex tittieħed dik l-azzjoni.

Or. fr

Emenda 82
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata quddiem il-qrati ta' l-Istat Membru kkonċernat. In-notifika miktuba għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u t-terminu biex tittieħed dik l-azzjoni.	2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata quddiem il-qrati ta' l-Istat Membru kkonċernat. ***F'dawn il-każi, ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-istess garanziji proċedurali bħal dawk ippruvduti għal ċittadini tal-Istat Membru involut, kif ukoll assistenza legali b'xejn.*** In-notifika miktuba għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u t-terminu biex tittieħed dik l-azzjoni.

Or. it

Emenda 83
Jean-Marie Cavada

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata quddiem il-qrati ta' l-Istat Membru kkonċernat. In-notifika miktuba għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u t-terminu biex tittieħed dik l-azzjoni.	2. Kwalunkwe deċiżjoni ta' rifjut ta' l-applikazzjoni, li biha ma jinħariġx, ma jiġix modifikat jew imġedded, jiġi sospiż jew irtirat il-permess uniku tista' tiġi kkontestata quddiem il-qrati ta' l-Istat Membru kkonċernat. In-notifika miktuba għandha tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli u t-terminu biex tittieħed dik l-azzjoni. ***Il-kontestazzjoni għandha tissospendi d-deċiżjoni amministrattiva sakemm tingħata deċiżjoni definittiva mill-qorti.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Kontestazzjoni quddiem il-qrati għal deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal permess uniku għandha tissospendi d-deċiżjoni, sabiex tevita 'vojt ġuridiku'.

Emenda 84
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***jistgħu*** jitolbu lill-applikanti biex iħallsu l-miżati għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet skond din id-Direttiva. ***Il-livell tal-miżati għandu jkun proporzjonat u jista' jkun ibbażat fuq il-prinċipju tas-servizz attwalment ipprovdut.***	L-Istati Membri ***ma jistgħux*** jitolbu lill-applikanti biex iħallsu l-miżati għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet skond din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 85
Javier Moreno Sánchez

Proposta għal direttiva
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-applikanti biex iħallsu l-miżati għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet skond din id-Direttiva. Il-livell tal-miżati għandu jkun proporzjonat u ***jista' jkun ibbażat fuq il-prinċipju tas-servizz attwalment ipprovdut***.	L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-applikanti biex iħallsu l-miżati għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet skond din id-Direttiva. Il-livell tal-miżati għandu jkun proporzjonat u ***raġjonevoli u m'għandux jeċċedi l-ispejjeż attwali li tagħmel l-amministrazzjoni nazzjonali.***

Or. es

Emenda 86
Rumiana Jeleva

Proposta għal direttiva
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-applikanti biex iħallsu l-miżati għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet skond din id-Direttiva. Il-livell tal-miżati għandu jkun proporzjonat u jista' jkun ibbażat fuq il-prinċipju tas-servizz attwalment ipprovdut.	L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-applikanti biex iħallsu l-miżati għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet skond din id-Direttiva. Il-livell tal-miżati***, li għandu jkun disponibbli pubblikament,*** għandu jkun proporzjonat u jista' jkun ibbażat fuq il-prinċipju tas-servizz attwalment ipprovdut.

Or. en

Emenda 87
Patrick Gaubert

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – klawsola introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Matul il-perjodu tal-validità tiegħu, il-permess uniku għandu jintitola lid-detentur tiegħu għall-inqas:	Matul il-perjodu tal-validità tiegħu, ***kif determinat minn kull Stat Membru,*** il-permess uniku għandu jintitola lid-detentur tiegħu għall-inqas:

Or. fr

Emenda 88
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – punt b a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) joqgħod fi Stat Membru ieħor għal perjodi qosra ta' mhux aktar minn tliet xhur;

Or. en

Emenda 89
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jkollu aċċess liberu għat-territorju kollu ta' l-Istat Membru kkonċernat li joħroġ il-permess uniku, fil-limiti li *hemm hemm* dispożizzjoni dwarhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal raġunijiet ta' sigurtà;	(c) li jkollu aċċess liberu għat-territorju kollu ta' l-Istat Membru kkonċernat li joħroġ il-permess uniku. ***L-Istati Membri jistgħu jimponu restrizzjonijiet territorjali fuq id-dritt ta' residenza u d-dritt tax-xogħol*** fil-limiti li *hemm* dispożizzjoni dwarhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal raġunijiet ta' sigurtà ***fejn l-istess***

	restrizzjonijiet japplikaw għaċ-ċittadini tagħhom stess;

Or. en

Emenda 90
Rumiana Jeleva

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***li jeżerċita*** l-attivitajiet awtorizzati taħt il-permess uniku;	(d) ***iwettaq*** l-attivitajiet ***speċifiċi*** awtorizzati taħt il-permess uniku ***bi qbil mal-liġi nazzjonali***;

Or. en

Emenda 91
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fi tmiem il-perjodu ta' validità tal-permess uniku, l-Istati Membri jistgħu jagħtu lil ċittadin ta' pajjiż terz li jagħmel applikazzjoni, permess ta' residenza sa massimu ta' sitt xhur għall-finijiet ta' tiftix ta' impjieg;

Or. en

Emenda 92
Giusto Catania

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 a(ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11a
	Qgħad temporanju
	1. Il-qgħad fih innifsu m'għandux ikun raġuni biex permess ikun revokat, sakemm il-perjodu ta' qgħad ma jaqbiżx sitt xhur konsekuttivi.
	2. Matul dan il-perjodu, ċittadini ta' pajjiż terz għandhom jitħallew ifittxu u jaċċettaw impjieg.

Or. en

Emenda 93
Jean Lambert

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 a(ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11a
	Notifika ta' deċiżjonijiet
	In-notifika u l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 5, 8 u 9 għandhom ikunu komunikati b'mod li l-applikant ikun jista' jifhem il-kontenut u l-implikazzjonijiet tagħhom.

Or. en

Emenda 94
Rumiana Jeleva

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1 – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi għandhom igawdu minn trattament ugwali bħaċ-ċittadini għall-inqas fir-rigward ta':	1. Il-ħaddiema ta' pajjiżi terzi ***li jkollhom permess li jaħdmu fi Stat Membru*** għandhom igawdu minn trattament ugwali bħaċ-ċittadini għall-inqas fir-rigward ta':

Or. en

Emenda 95
Karin Jöns

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe ksur tad-drittijiet imniżżla f'din id-Direttiva ikun milqugħ minn miżuri effettivi, proporzjonati u deterrenti.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ma jkunx possibbli li tittieħed azzjoni effettiva kontra ksur possibbli tad-drittijiet għal trattament ugwali imniżżla f'din id-Direttiva jekk ma jkunux ipprovduti rimedji legali.